MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 370/2006

**Artikoli 18, 183, 184 u 533 tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**PETER FARRUGIA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **PETER FARRUGIA** ta' 62 sena bin il-mejjet John Mary u l-mejta Wenza nee' Schiavone imwieled Zejtun Malta fit-12 ta' Settembru, 1944 u joqghod 18/20, Triq San Gwann, Zejtun, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 871544(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

F'Jannar 2006 u f'dati precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikoli 18 u 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini ta’ l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta’ Marzu, 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat u fedina penali ta’ l-imputat.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta nhar l-4 ta Lulju 2006 fejn giet nominata il-PL Juliana Sceri Ferrante sabiex bhala espert tal-kaligrafija tezamina il-ktieb li ser jigi esebit fil-mori tal-kawza sabiex jigi stabbilit jekk il-firem fuqu humiex awtentici jew le.

Illi nhar l-4 ta’ Lulju, 2006 xehed l-**Ispettur Maurice Curmi** u spjega li fl-20 ta Jannar, 2005, Carmelo Farrugia u huh Longinu Farrugia li t-tnejn jigu hu l-imputat prezenti fl-awla, kienu kitbu ittra lid-dipartiment fejn qieghed stazzjonat, fejn kitbu dwar li kien miet il-papa’ taghhom fl-1999 u kienu skoprew li l-post fejn kien allegatament joqghod l-imputat kien gie imholli

minn missieru lil dawn iz-zewgt ahwa ta’ l-imputat. Dawn talbu lill-imputat biex johrog mill-fond in kwistjoni u dan irrifjuta. Sussegwentement infethet kawza civili fil-konfront ta’ dan l-imputat ghall-izgumbrament fejn fil-proceduri huwa esebixxa ktieb tal-kera fejn indika illi kien ihallas il-kera lil missieru minn l-1994 sa l-1998. Kien hemm suspetti li l-firem u l-ktieb kienu falsifikati b’hekk fil-proceduri kien inhatar espert mill-Qorti, kien inhatar Peter Gaffiero li kkonferma s-suspetti li kellu u qal illi l-firem ma’ kienux dawk awtentici tal-papa’, tal-partijiet involuti u peress li l-imputat kien dejjem jimla’ l-ircevuta u jghid li l-papa’ tieghu kien qed jiffirma, il-Perit imqabbad mill-Qorti ikkonkluda li kemm il-ktieb tal-kera kif ukoll il-firma huma miktubin minn l-istess persuna.

F’Jannar tas-sena 2006 kien  baghat ghall-imputat fejn wara li tah s-solita twissija fil-presenza ta’ PC 290 John Paul Formosa u kien ghazel li jiffirma kemm din it-twissija u cahad kategorikament li kien baghbas il-ktieb in kwistjoni. Hu gharaf lill-istess imputat prezenti fl-awla bhala l-istess persuna li rrilaxxa l-istqarrija fejn hu gharaf il-firma tieghu u ta’ PC 290 u ta’ l-imputat kemm wara t-twissija kif ukoll fuq kull parti ta’ l-istess.

Huwa esebixxa l-Istqarrija tal-imputat li tinsab esebita a fol. 12 tal-Process.

Illi nhar l-4 ta’ Lulju, 2006 xehed **Longinu Farrugia** u spjega li hu jigi hu l-imputat. Il-papa’ taghhom kien ghamel it-testment fil-5 ta’ Frar, ta’ l-1997, fejn missieru  kien halla lil Peter Farrugia usufruttwarju tal-fond, 87, Our

Lady of Mercy Street, Zejtun waqt li lilu u lil huh l-iehor kien hallielhom remissa li kienet ilha tintuza ghal kwazi hamsa u ghoxrin sena minn certu Nazzareno Mifsud u li fiha kien hemm ziemel biex irabbuh, tant illi meta Peter dahal fir-remissa sab hofra ta' pied u nofs fejn kien hemm iz-ziemel. Ghalhekk ikkonferma li fit-testment, ir-remissa halliha lilu u lil huh Karmenu. Ikkonferma ukoll li kemm hu kif ukoll huh Karmenu ma kienux prezenti meta gie redatt it-testment, man-nutar kien hemm prezenti Peter Farrugia l-imputat odjern.

Wara li miet il-papa' taghhom hutu kollha hadu l-affarijiet taghhom, u hu u huh Karmenu pretendew li jiehdu dak li gie imholli lilhom ukoll. Huma kienu jafu li huhom Peter kien qed juza r-remissa pero' kienu qed jghamlu minghjr titolu. Gara li Peter Farrugia prezentalhom ktieb tal-kera fuq ir-remissa u la hu u lanqas huh Karmenu m'accettawh u qalulu li r-remissa rieduha ghalihom u hu m'accettax u kienu kostretti li jipprocedu ghall-izgumbrament.

Wara l-1995, il-ligi tal-kera nbidlet u kull kirja setghet tigi rikoverata, ghalhekk kellhom jipprocedu bil-Qorti. Fil-kawza bhala titolu l-imputat ipprezenta fotokopja dak illi huwa sejjah ktieb tal-kera. Kif rawh huma basru illi dak id-dokumnent kien wiehed fazull u ghalhekk kellhom jifthu kawza ohra sabiex jattakaw il-vaidita' o meno ta' dan il-ktieb bir-ricevuti bil-ghan li jigi stabilit jekk il-ktieb kienx awtentiku jew le. F'din it-tieni kawza tqabbad espert tal-kaligrafija fejn skond ir-rapport tieghu rrizulta illi l-firem kontenuti fil-ktieb tal-kera pprezentat mill-imputat fil-kawza civili

ghall-izgumbrament kien falz. A bazi ta' dak ir-rapport inghatat sentenza fid-29 ta' Novembru tas-sena 2000. A bazi ta' dan huma avvicinaw lid-dipartiment tal-Frodi tal-pulizija li bdew bl-investigazzjonijiet taghhom li wassal ghall-procedura odjerna. Huwa pprezenta kopja tal-ktieb tal-kera kif ipprezentat lilu mill-imputat Peter Farrugia stess li gie mmarkat bhala Dok. LF1. (fol. 16 sa fol. 22).

Illi nhar l-4 ta' Lulju, 2006 xehed **Carmelo Farrugia** fejn spjega li hu kien ghadu kemm sema' ix-xhieda ta' huh Longinu Farrugia u ma kellu xejn xi jzid fir-rigward.

Illi nhar is-7 ta' Novembru, 2006 xehed **PC 290 Jean Paul Formosa** fejn ghamel referenza minn fol. 12 sa fol. 13 tal-process u kkonferma li dik hija stqarrija ta' l-imputat Peter Farrugia li gharaf prezenti fl-Awla, liema stqarrija hija datata 24 ta' Jannar 2006. Ikkonferma li l-imputat inghata twissija skond il-ligi. Gharaf il-firma tieghu, dik ta' l-Ispettur Maurice Curmi kif ukoll ta' l-imputat Peter Farrugia li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Ikkonferma wkoll li dawk il-firem gharafhom kull fejn dehru fuq dik l-istqarrija.

Illi nhar l-20 ta' Frar, 2007 xehed in-**Nutar Dr Anthony Grech Trapani** u esebixxa kopja ta' testment ta' Giovanni Maria Farrugia datat 5 ta' Frar tal-1997 liema dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok AGT1. Hu qal illi dik hija vera kopja minnu ffirmata u dak it-testment sar fl-Atti tieghu. Fuq domanda li saritlu mill-prosekuzzjoni b'referenza ghal Longinu Farrugia u

Carmelo Farrugia partikolarment x'messhom bhala eredita in forza ta' dak it-testment qal li missierhom kien hallilhom b'legat il-fond numru 76 u 77 Triq San Gwann, Zejtun li kien mikri lil terzi persuni.

Illi nhar it-28 ta' April, 2008 xehdet il-**Prokuratur Legali Juliana Scerri** fejn in esekuzzjoni ta' l-inkarigu moghti lilha minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-digriet moghti fl-4 ta' Lulju 2006, esebit ir-relazzjonji taghha li giet esebita u mmarkata bhala Dok. JSF1. Iddikjarat li hi qdiet fedelment u onestament l-inkarigu lilha moghti.

Illi minn esami ta' din ir-relazzjoni esebita a fol. 43 tal-atti jirrizulta is-segwenti:-

*" Ghalhekk l-esperta tikkonkludi illi fl-opinjoni taghha Dok. JSF 1 u JSF 5 ma gewx iffirmati minn John Mary Farrugia izda l-probabilita hija illi Dok JSF 2, 3 u 4 gew iffirmati minnu. Dana wara li hija ezaminat il-variabilita tal-firma ta' John Mary Farrugia.*

*L-esperta tirrelata ukoll illi din l-opinjoni kellha ssir b'ezami tar-ricevuti prodotti li kienu kopja u mhux original u jekk l-original kien prodott hija setghet taghti opinjoni jekk il-firem li hija qed tirrelata illi huma foloz kienux prodotti mill-imputat.*

*F'dan il-kaz hija ma setghetx tezamina il-pressjoni tal-kitba u ghalhekk ma setghetx tikkonkludi dwar dana u setghet taghti biss l-opinjoni taghha dwar jekk kienux fl-opinjoni taghha il-firem ta' John Mary Farrugia."*

Illi nhar it-28 ta' April, 2008 xehed **Spiru Farrugia** u spjega li in kwantu ghall-imputat prezenti fl-Awla, qal l-imputat jiddiletta bil-firem, fis-sens illi qal illi missieru qabel ma miet kien ivvinta storja li huwa kien instab hati in konnessjoni ma citazzjoni li kellu u kien gie ikundannat ihallas is-somma ta' seba' mitt lira Maltin (LM700) u li jekk ma jhallasx din is-somma kien ser jigi arrestat u fil-fatt jghid li kien iffalsifika il-firma tal-Kummissarju tal-Pulizija biex jemmnu u missieru kien tahomlu.

Jghid li huwa jigi hu l-imputat. Spjega li hutu Gino u Carmelo Farrugia wirtu remissa u qal illi din ir-remissa ma kienitx b'kera ghand l-imputat izda li r-remissa kienet mislufa lilu. Jghid li kien sellifilu missieru. Ikkonferma li sa sena qabel ma miet missieru, din ir-remissa kien juzaha Francesco Mifsud sabiex huwa jzomm bhima go fiha u dan taht titolu ta' kera. Pero meta miet missieru r-remissa kien qed juzaha l-imputat.

Qal kif imbaghad miet missieru l-imputat dawwar l-id card tieghu fuq l-indirizz ta' din ir-remissa. Qal fit-testment missieru kien halla dina r-remissa lil hutu Carmelo u Gino u mhux lill-imputat. Jaf li hutu Carmelo u Gino talbu lil imputat biex johrog minn dik ir-remissa imma dan baqa' ma

harigx. Imbaghad ghamlulu kawza Civili u l-imputat tilef il-kawza. Jghid li imbaghad huh kien ghamel xi ircevuti f'ismu ghas-snin 1994, 1995 u 1996 izda fil-fehma tieghu dawn ma kienux ircevuti tajbin ghaliex dak iz-zmien ir-remissa kienet qeghda b'kirja ghand Francesco Mifsud u wkoll l-imputat ghamel ircevuti wkoll ghan-97, 98 u 99 pero' jghid illi missieru qatt ma hareg ircevuti lil huh fuq dik ir-remissa. Is-sitwazzjoni odjerna hi li dik ir-remissa ghadha f'idejn l-imputat.

In kontro ezami jghid li kien cert li missieru ma harigx l-ircevuti li pprezenta l-imputat. Jelabora u jghid li hu ta' spiss kien ikun ma' missieru. Qal missieru ghal ahhar tliet snin qabel ma miet kellu roghda f'idejh. Fil-fatt qal illi lanqas kien jista' jikteb. Qal ukoll li missieru kien jghidlu li dik ir-remissa ma kienx kriha jew taha lill-imputat izda kien silifielu biss.

Illi nhar it-28 ta' Lulju, 2008 xehed **Nazzareno Mifsud** spjega illi hu kien kera remissa gewwa z-Zejtun minn ghand Gian Marie Farrugia u dik il-kirja damet qisu xi hamsa u ghoxrin (25) sena. Din ir-remissa kienet fi Triq San Guzepp, Zejtun. Qal kien ihallas kera ta' remissa fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin (25) lira fis-sena. Qal li pero kienu ghaddew xi ghaxar (10) snin mindu huwa temm dik il-kirja. Huwa kien qal li s-sid li kien ser itemm il-kirja u allura ser jaghtih ir-remissa lura. Zied jghid ukoll li huwa effettivament dik ir-remissa ghaddiha lura lis-sid u zied jghid ukoll li bint is-sid kienet kellmitu u qaltlu biex huwa jghaddi dik ir-remissa lura lil missierha halli tkun tista' tuzha hi. Huwa qal li l-imputat jafu. Huwa qal l-imputat lilu qatt ma kellmu fuq dik ir-remissa. Huwa qal li wara li ta r-

remissa lura lis-sid u allura kienet intemmet il-kirja tieghu, min dahal warajh, jekk dahal xi hadd ma jafx. Qal li huwa meta gie biex jitlaq ir-remissa c-cavetta ta lis-sid.

Illi nhar it-28 ta' April, 2010 xehdet il-**PL Juliana Scerri Ferrante** fejn iddikjarat illi in ezekuzzjoni tal-inkarigu lilha moghti prezentat relazzjoni addizzjonali li giet esebita u mmarkata bhala Dok. JSF 2.

Illi minn esami ta' din it-tieni relazzjoni taghha  esebita a fol. 58 tal-atti jirrizulta illi l-konkluzjonijiet taghha baqgghu l-istess bhal dawk indikati minnha fl-ewwl relazzjoni taghha prezentata fl-atti nhar it-28 ta' April, 2008 markat bhala Dok JSF1u fil-fatt jista' jinghad li it-tieni relazzjoni li giet esebita mill-espert PL Juliana Scerri Ferrante hija l-istess identika ghall-ewwel relazzjoni u mill-atti ma jirrizultax li effettivament l-espert inghatat xi inarikigu ulterjuri.

Illi nhar it-30 ta' Mejju, 2011 xehed l-imputat **Peter Farrugia** fejn spjega wara li  muri d-dokumenti li jinsabu minn fol. sbatax (17) sa fol. wiehed u ghoxrin (21) tal-process  li dan id-dokument li jinsab a fol. sbatax (17) tal-process huwa kollu miktub minnu barra l-firma. Qal illi huwa qatt ma ra lil missieru John Mary Farrugia jiffirma dan id-dokument, ghaldaqstant dik il-firma li hemm li tinqara John Mary Farrugia ma jafx min ghamilha. Inkwantu ghad-dokument li jinsab a fol. tmintax (18) tal-Process, qal li l-kitba fuq dak id-dokument hija kollha tieghu minbarra l-firma.

Pero’ spjega li dik il-firma a fol. 18 tal process gharafha bhala l-firma ta’ missieru u dan ghaliex kien iffirma quddiemu. Inkwantu ghad-dokument li hemm a fol. dsatax (19) tal-process qal li l-kitba li hemm fuq dak id-dokument huwa kollu tieghu barra l-firma, nkwantu ghall-firma qal dik hija l-firma ta’ missieru u huwa ra lil missieru jaghmel din il-firma. In kwantu ghad-dokument li jinsab a fol. ghoxrin (20) tal-Process qal huwa qieghed jiddikjara illi l-kitba hija kollha tieghu barra l-firma u l-firma hija ta’ missieru li rah jaghmilha. Inkwantu ghal dokument li jinsab a fol. wiehed u ghoxrin (21) tal-process qal li din hija kollha kitba tieghu barra l-firma. Qal illi rigward dan id-dokument ma rax min kien ghamel il-firma fuq dak id-dokument. Qal li ghadha kif inqratlu l-istqarrija tieghu li tinsab minn fol. tnax (12) sa fol. tlettax (13) tal-process, liema stqarrija hi datata erbgha u ghoxrin (24) ta’ Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006), u jikkonferma li dik hija l-istqarrija tieghu u kkonferma wkoll il-kontenut taghha.

Xtaq jghid illi missieru kien tah dana il-post fl-elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994) u missieru mbaghad kien miet fl-elf disa’ mija u disgha u disghin (1999). Stqarr li minn mindu missieru kien tah il-post fl-elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994) sa kemm miet fl-elf disa’ mija u disgha u disghin (1999) hadd minn hutu ma kienu kellmuh fuq dak il-post, qal l-inkwiet inqala' meta kien miet missieru u hutu saru jafu li l-post kien taghhom.

In kontro ezami qal illi hutu saru jafu li l-post kien taghhom stante li kien gie mholli lilhom b'wirt. Huwa qal meta missieru kien tah il-post li semma' huwa kien beda jirranga l-post u qal li kien jorqod hemm hekk ukoll imbaghad baqa' joqghod f'dan il-post. Qal li dan il-post fih kamra kbira, bitha u wkoll kamra zghira. Xtaq jghid illi qablu l-post kien mikri lil persuna li missieru kien krihulu pero' dana spicca juzah biex iqieghed fih debba. Xtaq jghid illi tmien (8) snin qabel ma ha l-post hadu l-girien kienu rraportaw li kien hemm debba fil-post u qal illi mbaghad dak ir-ragel li kien kera l-post minn ghand missieru kien nehha d-debba cioe' nonostante zamm il-kirja tal-post ghal tmien (8) snin. Il-post kien vojt u ghalhekk kien xtaq li l-kirja tibda tghajjat lilu. Qal li huwa qabel ma kera dak il-post kien qed jghix go garaxx, ghamel erbgha u tletin (43) sena jghix go garaxx u dan il-garaxx kien ghandu bil-kera. Qal illi hafna drabi kien jiehu l-ktieb tal-kera lil missieru, johodlu wkoll il-flus tal-kirja u ihallihomlu hemm imbaghad kien imur wara biex jigbor il- ktieb.

Huwa qal li kien dejjem jikteb l-ircevuta hu u kien jiehu il-ktieb lest bl-ircevuta minn qabel meta jmur ghand missieru. Missieru kien bniedem marid b'qalbu u kienu jaghtuh il-hasshazinijat u kien ikun fis-sodda u ghaldaqstant gieli hallilu l-ktieb bil-flus pero' mbaghad stenna wara biex imur ghall-ktieb. Qal missieru qabel ma miet kien ghamel sena u nofs gos-sodda marid. Qal li missieru kien jghix ma' ohtu Tessie Farrugia. Qal li nkwantu ghad-distanza bejn ir-residenza ta' fejn kien qed jghix missieru u dik id-dar li kera hu minn ghand missieru kkalkula li bhala distanza hemm hamsin (50) metru. Ghalih ma kienx hemm necessita li joqghod jistenna lil missieru joqghod jiffirma l-ircevuta, qal illi huwa mbaghad kien imur jigbor

il-ktieb bl-ircevuta iffirmata xi jiem wara. Qal illi missieru fizikament ghalkemm kien fis-sodda kien kapaci ukoll iqum bilqieghda fis-sodda u anke seta jikteb. Huwa qal illum ghadu jghix fl-istess post li krielu missieru. Huwa qal li l-kera jiddepozitaha l-Qorti.

Rat illi fil-process a fol. 74 hemm traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret mill-ufficcjal prosekutur kif ukoll mill-avukat difensur nhar l-4 ta’ Frar, 2013.

Rat illi din il-kawza kienet giet differita ghas-Sentenza nhar l-4 ta’ Frar, 2013 u ripetutament fis-Seduti sussegwenti kienet giet differita ghall-istess skop.

**Rat illi din il-kawa flimkien ma ohrajn gew assenjati lil din il-Qori kif prezentement preseduta nhar il-21 ta’ April, 2014 b’digriet minghand is-Sinjorija Tieghu il-Prim Imhallef u li ghalhekk minnufih irrikjamat il-kawza ghal nhar il-5 ta Mejju 2014 bil-ghan sabiex tara jekk il-partijiet kellhomx oggezzjoni sabiex din il-Qorti kif preseduta tghaddi ghas-Sentenza taghha fuq il-provi gja migbura .**

Rat illi ghalhekk f’dik is-Seduta tal-5 ta’ Mejju, 2014 dehru il-partijiet quddiemha u ezentaw lil Qorti mill-htiega li terga’ tisma’ ix-xhieda mill-gdid u awtorizzaw lil din il-Qorti tghaddi ghas-Sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawza li kellha il-bidu taghha bhala kwistjoni familjari u dan ghaliex jidher li missier l-imputat li jigi ukoll missier Carmelo u Longinu Farrugia kien miet testat u halla lil hut l-imputat u cioe' lill-istess hut l-imputat Carmelo u Longinu, ahwa Farrugia ir-razzett u cioe' il-fond 18/20 Triq San Gwann, Zejtun. Jidher li dan il-fond kien jinsab mikri lil terza persuna ghal xi zmien konsiderevoli izda wara xi zmien din il-persuna telqet mill-post u l-fond rega' waqa' f'idejn missier l-imputat illum mejjet John Mary Farrugia.

Gara pero' li l-imptuat sab ruhu f'dan il-post u meta Carmelo u Longinu Farrugia ittentaw jiehdu pussess tal-fond imholli lilhom dan hareg numru ta' ricevuti u allega li l-fond kien gie mikri lilu minn missieru qabel ma miet.

Hut l-imputat Carmelo u Longinu Farrugia sostnew li dan ma kienx minnu u allegaw li l-ktieb tal-ircevuti kien falz fis-sens li ma kienx fih il-firma ta' missierhom u ghalhekk fl-ewwel Seduta li instemghet il-kawza odjerna kienet giet nominata il-PL Juliana Scerri Ferrante bhala espert kaligrafika sabiex tezamina il-firem li kien hemm fuq l-ircevuti esebiti l-Qorit bil-ghan li tistabilixxi jekk tali firem kienux ta' missier l-imputat jew jekk ghaddirittura kienux foloz. Jidher pero' li ghalkemm l-espert qdiet l-inkarigu lilha moghti ir-rizultanzi taghha ma kienux konklussivi fis-sens li ikkonkludiet li *"illi fl-opinjoni taghha Dok. JSF 1 u JSF 5 ma gewx iffirmati minn John Mary Farrugia izda l-probabilita hija illi Dok JSF 2, 3 u 4 gew*

*iffirmati minnu. Dana wara li hija ezaminat il-variabilita tal-firma ta' John Mary Farrugia.*

*L-esperta tirrelata ukoll illi din l-opinjoni kellha ssir b'ezami tar-ricevuti prodotti li kienu kopja u mhux original u jekk l-original kien prodott hija setghet taghti opinjoni jekkx il-firem li hija qed tirrelata illi huma foloz kienux prodotti mill-imputat".*

Illi cio nonostante pero' ma jidhrix li l-espert kellha xi inkarigu addizzjonali sabiex tezamina xi dokumenti originali bil-firma tal-mejjet John Mary Farrugia u ghalhekk l-ezercizzju li ghamlet baqa' dejjem fuq dokumenti li ma kienux originali u fl-ebda hin ma attribwiet xi affermazzjoni li l-firem li ezaminat li ma kienux ta' John Mary Farrugia fil-fatt saru minn l-imputat.

In linea preliminari id-difiza sostniet li l-akkuzi odjerni huma ilkoll preskritti u dan ghaliex stqarret li l-akkuzi jikkoncernaw fatt li allegatament sehh f'Gunju 1999 meta in effetti l-imputat tressaq il-Qorti fit-18 ta' April, 2006 u cioe' aktar minn hames snin wara li huwa iz-zmien preskrittiv ghal akkuzi in dezamina. Il-prosekuzzjoni pero' tghid li hija kienet talbet korrezzjoni fic-charge u fil-fatt fil-komparixxi hemm gja imnizzel li d-data kellha tkun Jannar 2006. Il-Qorti tinnota li hdejn din il-korrezzjoni li hemm fic-charge verament hemm indikat id-data bhala Jannar 2006 u appuntu hdejn tali akkuza hemm imnizzel il-firma ta l-ispettur investigttiv u ghalhekk stante li mill-verbali li inzammu minn din il-Qorti diversament preseduta ma hemmx indikat li intalbet xi

korrezzjoni. Din il-Qorti ghandha tifhem li tali korrezzjoni fl-akkuza saret fic-charge qabel ma giet moqrija u ghalhekk hija in regola u qed tichad tali eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Illi konsegwentement din il-Qorti sejra tittratta il-mertu tal-kawza.

Illi l-ligi taghna timponi fuq il-Prosekuzzjoni l-obbligu li tipproduci l-awqa prova biex b'hekk il-gudikant ikun jista' jasal sal-konkluzzjoni oltre d-dubju ragjonevoli [Vide **Il-Pulizija vs Paul Bonello** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 1986, **Il-Pulziija vs Joseph Chetcuti** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 1987 u **l-Pulizija vs Emanuel Galea** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 1988**.**]

Fil-process kriminali kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll l-akkuzat ghandhom mhux biss d-dritt li jgibu provi, izda li jirregolaw huma xi provi jgibu. S'intendi, jridu jigu osservati r-regoli ta' procedura relattivi ghal produzzjoni tal-provi. Fost dawn jinkombi fuq min igib prova li dik il-prova tkun l-ahjar prova. Infatti, l-artikolu 634(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi li bhala regola, ghandu jitqies li tingieb l-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti.

Illi din il-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar l-grad ta' prova li hija rikjesta fil-kamp penali u cioe' r-regola generali li l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza [vide **Il-Pulizija vs Antonio Schembri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Dicembru, 1936].

Ghalhekk din il-Qorti, bhal kull Qorti ohra, hija fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandha jkollha l-ebda dubbju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubbju kkawzat f'dawn l-provi jew bil-provi prodotti mid-difiza, ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu mmedjatament jigi ddikjarat liberat. Din hija il-prassi legali f'dan il-pajjiz [vide **Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' April, 1992].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju regjonevoli, cioe oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubbju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubbju ikun dak dettat mir-raguni.'

Fil-fatt fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni '*proof beyond any reasonable doubt*.'

*"Proof beyond any reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible, but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lil partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appel Kriminali nhar d-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood**

**<u>Abd el Kaader</u>** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper vs The Queen** [1952] AC 480, 489.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Gauci et</u>**, li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzzjoni tal-introduzzjoni, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu isir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati, kemm individwalment, kif wkoll komplessivament.

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti u cioe’ dik prosposta mis-sinjuri Carmelo u Longinu ahwa Farrugia , kif allegat mill-Prosekuzzjoni stess u dik proposta mill-imputat li jichad dak li gie allegat fil-konfront tieghu u cioe’ li huwa ghamel xi firem foloz fuq l-kieb tal-ircevuti.

Din il-Qorti sfortunatament ma hiex qeghda f'posizzjoni vantaggjuza kif tkun is-soltu meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ma kienetx hi li ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u cioe’ hadet iz-zmien taghha sabiex tigbor u tisma’ viva voce il-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla il-kredibilita’ u veracita’ tax-xhieda prodotti quddiemha. L-ezercizzju ta' ezami tax-xhud kif kontemplat fl-**artikolu 657 tal-Kap 9** u cioe’ li tevalwa l-imgieba u l-karattru ta' kull xhud li semghet u li taghmel apprezzament taghha ghal mod ta' kif x-xhieda jwiegbu ghad-domandi li jsirulhom quddiemha, ghal kull interess li jista’ jkollu kull xhud u b'hekk tuza l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex tkun f'posizzjoni li tikkontrolla l-kredibilita’ tax-xhud li f'dan il-kaz huwa mportanti hafna peress li hija rinfaccjata b'versjonijiet konfligenti tal-fatti u ghalhekk f'dan il-kaz, il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija mill-imputat waqt li kien fil-pedana tax-xhieda u dik tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, kif traskritta fl-atti u dan sabiex tara liema versjoni sejra taccetta u hu biss wara li ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux d-dubbji ragjonevoli fiha jew le.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfligenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandu jillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Fil-fatt kif gie sottolineat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Issa fil-kaz in esami l-Prosekuzzjoni ressqet lill-ahwa Farrugia hut l-imputat sabiex jghidu li sa fejn jafu huma l-imputat mhux vera kellu titolu ta' kera fuq ir-remissa li giet imhollija lilhom permezz tat-testment ta'

missierhom redatt min Nutar Anthony Trapani Galea. Qalu li l-firem li hemm fuq il-ktieb tal-ircevuti mhumiex ta' missierhom. Din il-Qorti diversament preseduta kienet innominat espert bil-ghan li jigi stabbilit jekk il-firem fl-ewwel lok kienux verament foloz u cioe' mhux miktuba mill-mejjet John Mary Farrugia u fit-tieni lok jekk kienx l-imputat li ghamel dawn il-firem. Fit-tielet lok il-Proskezzjoni qed takkuza lill-imputat li huwa ghamel uzu minn dan il-ktieb meta **xjentement** (sottolinear ta' din il-Qorti) kien jaf li tali dokument kien falz.

Id-difiza min naha taghha resqet lill-imptuat u dan jghid li sa fejn jaf hu il-firem fuq il-ktieb kienu ta' missieru ghaliex huwa kien jiehu il-ktieb tal-ircevuti ghand missieru bil-flus tal-kera, ihallilu l-ktieb bl-ircevuta lesta u wara imur jigbor il-ktieb li kien ikun gja iffirmat. Stqarr li fil-presenza tieghu missieru qatt ma kien iffirma l-ktieb.

Ghalhekk fl-ewwel lok il-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat bir-reat kif previst fl-**artikolu 183 tal-Kap 9** tal-ligijiet ta' Malta u cioe' li :-

*" kull persuna ohra li <u>taghmel</u> (sottolinear ta' din l-Qorti) falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew f'xi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkellha billi zzid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, li dawn l-atti jew skritturi kellhom jkollhom fihom jew kellhom jippruvaw."*

Illi ghalhekk jirrizulta li sabiex jezisti dan r-reat irid jissusisti zewg elementi:

1. li l-falsifikazzjoni tkun f'att pubbliku jew kummercjali jew ta' bank privat; u

2. li tali falsifikazzjoni ssir minn persuna (imputata) li mhux ufficjal pubbliku.

Rigward t-tifsira ghal dak lli jikkostitwixxi atti pubblici, l-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Rex vs Giuseppe Zahra</u>** (***1953***) kif rappurtata fil-vol. XXXVII, pg. 986. Hekk gie ritenut:

"*Fil-ligi Maltija, l-att pubbliku huwa dak li jigi maghmul jew ricevut bil-formolaritajiet mehtiega minn Nutar jew minn ufficjal pubbliku iehor li jkollu s-setgha li jaghti fidi pubbliku lil att.*"

Din it-tifsira hija in konformi mar-ragjonament ta' Sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione fid-disgha ta' Novembru, 1929 li tghid:

" *l'atto pubblico non e' solo l'atto ricevuto con la scritta formalita da un pubblico ufficciale autorizzato ad attribuire a essa pubblico fede, ma ogni*

*atto che il pubblico funzionario o forma nell'esercizio della sue funzioni e con le forme stabbilite in rappresentanza delle pubbliche amminstrazioni.*"

Issa fil-kaz in esami id-dokument li l-Prosekuzzjoni qed tallega li kien falz huwa librett tal-kera bil-firem fuq l-ircevuti esebiti go fih. Dan id-dokument zgur li ma jistax jissejjah dokument pubbliku u ghalhekk tali akkuza zgur li ma tistax tirnexxi fil-konfront ta' l-imputat.

L-imputat gie ukoll akkuzat bir-reat kif dispost fl-artikolu 184 u cioe' li xjentement ghamel uzu minn dokument falz liema artikolu jiddisponi s-segwenti:

"*kull persuna li xjentement taghmel uzu minn att, kotba jew skritturi foloz imsemmija fl-artikolu ta' qabel ta' dan is-sub titolu...*"

Ghalhekk jirrizulta minnufih li l-ligi titkellem fuq uzu ta' dokumenti foloz u ghalkemm huwa mportanti li l-Qorti tara x'hini t-tifsira ta' dokument, u jekk ktieb tal-irecevuti, jaqghax taht t-tifsira ta' dokument.

**Kenny,** gurista Ingliz fil-ktieb tieghu ***Criminal Law*** jaghti tifsira ta' dokument fejn jghid:

"*for the purpose of the law of forgery a document is a writing in any form or any material, which communicates to some person or persons human statement, whether of fact or fiction.*"

**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** jghid:

"*documento e' ogni scrittura determinato, contenendo manifestazioni o dichiarazioni di volonta ovvero altestazioni di verita, atto o fondare o a suffragare una pretesa giuridica o a provare un fatto giuridicamente rilevante in un rapporto processuale o in altro rapporto giuridico.*"

Illi pero’ apparti li l-imputat ghandu jghamel uzu minn dokument, tali dokument irid ikun falz u li huwa irid ikun qed jghamel uzu minnu meta xjentement jaf li id-dokument huwa falz. Ghalhekk l-uzu semplici ta’ tali dokument mhux bizejjed izda irid ikun akkopjat bl-intenzjoni kriminuza tax-xjenti. Illi hadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma jghid li l-imputat kien jaf li tali dokument kien falz anzi semmai jirrizulta sa l-ahhar li l-imputat kien qed jikkontesta dak li qalet l-Proskeuzzjoni u cioe’ li kien falz u ghalhekk sa mill-bidu nett ma jistghax jinghad li l-imputat kellux l-intenzjoni li jaghmel uzu minn dokument falz. Mistoqsi fl-istatement tieghu jekk qatt iffirmax ghan-nom ta’ missieru iwiegeb fin-negattiv u jghid li qatt. Jghid ukoll li f’zewg okkazjoniijiet kien ra lil missieru jiffirma il-ktieb quddiemu u fl-okkazzjonijiet l-ohra ma rahx pero’ ma jistax jghid ta’ min huma Jghid b’mod assertiv li l-firem tieghu mhumiex zgur. Jinghad li lanqas l-espert nominata mill-Qorti ma waslet ghal din il-konkluzjoni u cioe’ li kien l-imputat li iffirma ghan-nom ta’ missieru.

Ghalhekk ghalkemm jista’ jghati l-kaz li uhud mill-firem fuq il-librett mhumiex tal-mejjet John Mary Farrugia zgur li z-zewg akkuzi odjerni ghar-ragunijiet fuq imsemmija ma jirrizultawx.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe’ l-artikolu 18, 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ma issibx lill-imputat **PETER FARRUGUIA** hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-hatra ta’ l-esperti ai termini ta’ l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti rat li ma sabitx lill-imptuat hati ta’ l-akkuzi odjerni u ghalhekk qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ tali talba.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------